IL-FESTIVAL NAZZJONALI

# tal-ktieb

2017

## PROGRAMM TAL-ATTIVITAJIET

8–12 ta' Novembru



**B'LISTA TWIL TA' PARTEĊIPANTI MIS-SETTURI KOLLHA TAL-INDUSTRIJA TAL-KOTBA U PROGRAMM KULTURALI LI FIH AKTAR MINN 50 AVVENIMENT BI TNEDIJIET U PREŻENTAZZJONIJIET TA' KOTBA, REĊTI DRAMMATIĊI, WORKSHOPS U KONFERENZI, IL-FESTIVAL NAZZJONALI TAL-KTIEB HUWA BLA DUBJU L-IKBAR ĊELEBRAZZJONI TAL-KULTURA TAL-KTIEB F'MALTA.**

Nies minn kull qasam tal-ħajja u ta' kull età jistennew il-Festival bil-ħerqa, li dejjem iseħħ fit-tieni ġimgħa ta' Novembru (mit-8 sat-12 ta' Novembru) fiċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi ġewwa l-Belt. Għal ħamest ijiem, pubblikaturi, bejjiegħa tal-kotba u awturi jinġabru taħt saqaf wieħed u jisfruttaw din l-opportunità unika biex jippromwovu u jbiegħu l-kotba tagħhom lill-pubbliku. Minbarra t-talent lokali, il-Festival jinkludi ukoll interventi minn mistednin barranin, bosta minnhom ismijiet kbar fix-xena letterarja internazzjonali.





# L-Erbgħa

**18:00 GĦAQDA TAL-MALTI TIPPREŻENTA: KONT TAF LI...?**
F'din l-attività, organizzata mill-Għaqda tal-Malti – Università, għadd ta' kittieba lokali se jippreżentaw lill-udjenza tliet oġġetti li b'xi mod jiddefinixxuhom. L-udjenza se tkun mistiedna sabiex tipparteċipa billi tipprova taqta' s-sinfikat ta' dawn l-oġġetti – opportunità unika għal titwila lejn il-personalità u l-ħajja ta' dawn il-kittieba. **— Activity Area**

---

**18:00 SERJE TRADUZZJONIJIET FARAXA**
Diskussjoni mal-editur tal-kullana, il-Profs. Toni Aquilina, flimkien ma' tradutturi oħra li għandhom xogħol letterarju f'din is-sensiela, dwar kemm hu importanti li awturi letterarji kbar (Albert Camus, Guy de Maupassant, Franz Kafka, Molière, Erin Emmanuel Schmitt, Annie Ernaux etc.) jiġu tradotti fl-ilsien Malti.
**— Stand ta' Faraxa**

---

**19:00 TNEDIJA TAL-ĦAMES VOLUM TA' *THREADS: A JOURNAL OF PHILOSOPHY***
The Society for Philosophical Scholarship (magħrufa qabel bħala The Students' Philosophical Society) se tniedi l-Ħames Volum tal-ġurnal peer-reviewed, *Threads*. Din is-sena, *Threads* se jkollu kontribuzzjonijiet minn madwar id-dinja, inklużi Malta, l-Irlanda, l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Ġermanja. It-tnedija se tinkludi interventi mill-President Onorarju tas-Soċjetà u l-Editur Ġenerali ta' *Threads*. L-attività se tagħlaq b'riċeviment. **— Stand tal-SPS**

---

**19:00 IL-KNK JIPPREŻENTA 'TRUTH IN FICTION AND NON-FICTION – A CONFERENCE'**
Għadd ta' mistednin speċjali tal-Festival – Alex Vella Gera, Shahd al-Shammari, Ros Butler u Gilbert Sinoué se jieħdu sehem f'diskussjoni mal-ġurnalista tal-BBC Rosie Goldsmith dwar il-kunċett tal-verità kif jidher fil-letteratura, kemm f'dik fittizja kif ukoll f'dik mhux fittizja Kif għandna nifhmu l-verità fil-letteratura u għaliex id-definizzjoni tal-verità hija importanti? **— Sala Temi Zammit**

# Il-Ħamis

**17:30 IL-KNK JIPPREŻENTA ROSIE GOLDSMITH AND MAX EASTERMAN – 'A RIVETING WORKSHOP'**

Opportunità unika biex tingħaqad mal-ġurnalisti Ingliżi Rosie Goldsmith u Max Easterman għal 'Riveting Workshop' dwar ir-reċensjoni u l-promozzjoni tal-kotba. Il-parteċipanti f'dan il-workshop intensiv se jintwerew eżempji, jirċievu pariri u jieħdu sehem f'eżerċizzji ta' kitba. **— Sala M.A. Grima**

---

**17:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB**

*Quando Dio ci mette lo zampino* ta' Anna di Marco, ma' Silvio Aliffi.
**— Activity Area**

---

**18:00 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB**

*Introduzione alla Kabbala* ta' Ignazio Vecchio u Cristina Tornali, ma' Silvio Aliffi.
**— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

---

**18:00 IL-KNK U FARAXA JIPPREŻENTAW AWTUR MILL-KUWAJT – SHAHD ALSHAMMARI**

F'din l-attività mtella' mill-KNK flimkien ma' Faraxa, il-kittieba u poeta Shahd Alshammari se tkun qed titkellem ma' Profs. Toni Aquilina dwar l-aħħar pubblikazzjoni tagħha *Notes on the Flesh*. Il-ktieb jittratta l-problema ta' rappreżentazzjoni ta' minoranzi soċjali fil-letteratura. **— Activity Area**

---

**18:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB**

*Medicina Medical Humanities* ta' Cristina Tornali, ma' Ignazio Vecchio.
**— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

---

**18:30 TREVOR ŻAHRA BIN-NORVEĠIŻ: IL-KNK JIPPREŻENTA LIL KRISTINA QUINTANO**

Il-pubblikatur, traduttur u ġurnalist Norveġiża-Maltija Kristina Quintano se tiltaqa' mal-pubbliku għal diskussjoni dwar it-traduzzjoni tagħha tal-*Ħajja Sigrieta tan-*

*Nanna Genoveffa* ta' Trevor Żahra għan-Norveġiż. Id-diskussjoni se tittratta wkoll ir-rappreżentazzjoni ta' Malta bħala destinazzjoni kulturali, gastronomika u storika għal qarrejja Norveġiżi. Sitt ġurnalisti Norveġiżi se jakkumpanjaw lil Quintano sabiex jipparteċipaw fid-diskussjoni. **— Sala Temi Zammit**

---

### 19:00 EJJA LTAQA' MA' SHAHD ALSHAMMARI

Dr. Shammari se tkun fuq l-istand tiffirma l-ktieb riċenti tagħha *Notes on the Flesh* li jikkonisti f' għadd ta' stejjer qosra li jeżaminaw il-kumplessità tas-sens ta' identità, l-imħabba u l-mard fil-Lvant Nofsani. **— Stand ta' Faraxa**

---

### 19:00 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*Una mano nel buio ta' Franza Guarino*, ma' Carlo Morrone. **— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

---

### 19:00 GĦADHOM JINTERESSAWNA ĦAJJIET IL-QADDISIN

Deer Publications jippreżentaw analiżi tal-pubblikazzjonijiet li joħorġu kull sena mill-parroċċi u l-każini Maltin. Naraw kif żviluppaw minn sempliċi fuljetti żgħar għall-kotba voluminużi, b'livelli ta' produzzjoni u kontenut li jvarja, iżda li ġieli jilħaq livelli għoljin ħafna. It-taħdita għandha l-għan ukoll li tissuġġerixxi x'titjib jista' jsir biex dawn il-kotba jagħtu kontribut iktar siewi fil-qasam tal-kitba bil-Malti. It-taħdita għandha ukoll l-għan li tagħti krettu xieraq lill-edituri u l-kittieba voluntiera li jikkontribwixxu f'dawn il-pubblikazzjonijiet interessanti.
**— Stand ta' Deer Publications**

---

### 19:30 MERLIN PUBLISHERS JIPPREŻENTA TREVOR ŻAHRA: 70 SENA. AWGURI, TREVOR!

Awtur wieħed hawn Malta li, int min int u għandek kemm għandek żmien, żgur qrajt xi ktieb minn tiegħu. Trevor Żahra hu l-iżjed awtur maħbub fost ġenerazzjonijiet ta' qarrejja, awtur u illustratur ta' kull ġeneru ta' kotba, mill-istejjer għat-tfal sar-rumanzi u n-novelli għall-adulti, mill-kotba tal-iskola sal-poeżija. U dis-sena, f'għeluq is-70 sena tiegħu, il-Merlin Publishers se jiċċelebrawh f'serata indimentikabbli. Ejjew ifirħu lil Trevor magħna. Waqt is-serata se titnieda wkoll antoloġija ta' wħud min-novelli li tul is-snin ikkonsagraw l-isem Trevor Żahra fix-xena letterarja Maltija! **— Sala Temi Zammit**

**19:45 IL-KNK JIPPREŻENTA LIL GILBERT SINOUÉ**

L-awtur ċelebri Franċiż-Eġizzjan Gilbert Sinoué se jitkellem ma' Profs. Toni Aquilina dwar ix-xogħol letterarju tiegħu u l-karriera tiegħu kemm bħala kittieb kif ukoll bħala mużiċist. L-udjenza ser ikollha ċ-ċans tassisti għal qari, intervista u sessjoni ta' mistoqsijiet lill-awtur ta' *The Egyptian*, *The Sapphire Book* u *The Last Pharaoh,* fost ħafna oħrajn. **— Sala M.A. Grima**

---

**20:00 IL-KNK JIPPREŻENTA LIL ALEX VELLA GERA**

Alex Vella Gera huwa wieħed mill-kontributuri ewlenin tal-letteratura fittizja kontemporanja f'Malta u mistieden speċjali ta' din l-edizzjoni tal-Festival. Se jkun qed jitkellem mal-kittieb u ġurnalist Teodor Reljić dwar il-karriera tiegħu, kif ukoll dwar l-interessi oħra tiegħu fil-mużika u fil-films. Se jkun hemm qari ta' siltiet mix-xogħol tiegħu u sessjoni ta' mistoqsijiet mal-membri tal-udjenza. L-awtur ser ikun disponibbli għall-iffirmar tal-kotba u se jkun hemm riċeviment wara l-attività. **— Activity Area**

---

**20:30 EJJA LTAQA' MA' GILBERT SINOUÉ**

Gilbert Sinoué ser ikun qed jiffirma l-kotba u jiltaqa' mal-qarrejja tal-kotba tiegħu f'riċeviment fuq l-istand tal-Ambaxxata Franċiża.

**— Stand tal-Ambaxxata Franċiża**

# Il-Ġimgħa

**17:45 LUPETTIN MA JRIDX JAQSAM MAL-OĦRAJN**
Avventura oħra ta' Lupettin, l-iżjed ċkejken mill-qraba ta' Lupu Lupettu. Din id-darba ma jridx jaqsam il-ġugarelli tiegħu. U inti taf taqsam mal-oħrajn? Attività mmexxija minn Clare Azzopardi. Etajiet 3–6. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

**18:00 KONKORS NAZZJONALI TAL-POEŻIJA MONS. AMANTE BUONTEMPO**
Il-frott ta' ħidma mill-qrib bejn il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Għaqda Poeti Maltin. F'din is-serata se jinqraw għadd ta' poeżiji u jitħabbru ir-rebbieħa tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Mons. Amante Buontempo 2017. Il-kap eżekuttiv tal-KNK, Mark Camilleri, u l-president tal-Għaqda Poeti Maltin se jindirizzaw lill-udjenza. **— Sala Temi Zammit**

---

**18:00 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB**
*La donna dello sbarcadero* ta' Pippo Bufardeci, ma' Corrado Di Pietro.
**— Activity Area**

---

**18:00 *JIENA MALALA*: PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB**
L-istorja wara l-iżgħar rebbieħa tal-Premju Nobel għall-Paċi Malala Yousafzai li tkellmet favur l-edukazzjoni u sfat fil-mira ta' attakk mit-Taliban fejn għal ftit ma tilfitx ħajjitha. It-traduttur tal-verżjoni bil-Malti, Godwin Ellul se jkun ukoll preżenti fuq l-istand. **— Stand ta' Faraxa**

---

**18:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB**
*Promontorium Pachyni* ta' Nello Lupo, ma' Corrado Di Pietro. **— Activity Area**

---

**18:45 ĊELEBRAZZJONI TA' POEŻIJA - HORIZONS**
Horizons tiċċelebra l-poezija, b'mod partikolari dik ta' Profs. John P. Portelli, Profs. Kenneth Wain, Carmel Scicluna, Achille Mizzi, Andrew Sciberras, John Buttigieg. **— Sala Temi Zammit**



**18:45 ĠANNI JŻUR LONDRA**

Niltaqgħu ma' Ġanni, karattru ċkejken ġdid fi ħdan il-familja Merlin. Ġanni s-sena l-oħra mar Londra. Tridux niskopru flimkien x'għamel u x'ra hemmhekk? Attività mmexxija minn Sherise Zammit. Etajiet 3–6 . Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

**19:00 TNEDIJA: *HUMILISSIMA CIVITAS***

Tnedija tal-Ktieb *Humilissima Civitas.* **— Stand ta' Heritage Malta Publishing**

---

**19:00 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB**

*Gli Esagoni di Borges* ta' Corrado Di Pietro, ma' Arnold Cassola **— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

---

**19:00 TNEDIJA: *MELITA CLASSICA***

*Malta Classics Association* se tniedi *Melita Classica.* Ser ikun hemm it-tnedija tar-raba' volum tal-ġurnal akkademiku tal-Malta Classics Association *Melita Classica* u s-sit. Ikun hemm ukoll diskussjoni ta' żewġ artikli fil-ġurnal: '*Il-Kantilena* ta' Pietru Caxaro', 'Skrittura Griega tal-ewwel seklu QK'. **— Stand tal-SPS**

---

**19:00 EJJA LTAQA' MA' CHARLES CASHA**

Taħdita qasira mal-kittieb dwar il-kotba tiegħu; qari ta' siltiet u rakkonti kif ukoll sessjoni ta' mistoqsijiet mill-udjenza. **— Stand ta' Merlin Library**

---

**19:30 GĦAQDA TAL-MALTI – UNIVERSITÀ U MALTA CLASSICS ASSOCIATION – ECHO – *EKUN*, A TRANSLATION WORKSHOP**

It-traduzzjoni hi missier iċ-ċivilizzazzjoni. Permezz tagħha, l-intelliġenza umana taqsam il-fruntieri u b'dan is-sens ta' libertà, il-bniedem jista' jiskopri lilu nnifsu. Il-Malta Classics Association, b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Malti – Università, se tkun qed torganizza workshop dwar it-traduzzjoni li jitfa' dawl fuq it-traduzzjoni ta' testi Klassiċi għall-Malti, mingħajr ma tiġi eskluża t-traduzzjoni tagħhom għall-Ingliż. Michael Zammit, il-mistieden speċjali, ser ikun qiegħed

iwieġeb xi mistoqsijiet dwar it-traduzzjoni tiegħu ta' *Metamorphoses* ta' Ovidu għall-Malti. X'inhu l-proċess proprju ta' trasformazzjoni mil-Latin għall-Ingliż u mil-Latin għall-Malti, u x'inhuma l-isfidi li jaffaċċja t-traduttur? Se jiġi eżaminat il-mit *Narcissus and Echo* – Narċissu u Ekun ta' Ovidu sabiex jitwieġbu dawn il-mistoqsijiet u oħrajn li jitfaċċaw meta wieħed jipprova jittraduċi xogħol letterarju. **— Stand tal-Għaqda tal-Malti – Università**

---

### 20:00 ĊELEBRAZZJONI: MARIO AZZOPARDI

Attività ddedikata lir-rebbieħ tal-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Letteratura bħala parti mill-Premju Nazzjonali tal-Ktieb tas-sena li għaddiet, il-poeta Mario Azzopardi. Din hija opportunità unika għall-pubbliku biex jiltaqa' mal-kittieb ċelebri wiċċ imbwiċċ. Ser ikun hemm taħdita ma' kittieba oħra, qari ta' siltiet u sessjoni ta' mistoqsijiet ma' membri tal-udjenza. **— Sala Temi Zammit**

---

### 20:00 MERLIN JIPPREŻENTA: KTIEB U TAZZA NBID – ILTAQA' MAL-AWTUR

Ejja ċekċek tazza nbid ma' wħud mill-awturi favoriti tiegħek, li se jkunu qed jippubblikaw mal-Merlin fix-xhur li ġejjin. Sneak peek tal-aktar kotba eċitanti għal għeluq l-2017: l-ewwel rumanz għall-kbar ta' Clare Azzopardi, id-debutt brillanti ta' Wayne Flask, ir-rumanz rebbieħ tal-kompetizzjoni "#abbozz" ta' Nadja Mifsud, il-ktieb umoristiku *Iżżewwiġt Vegana* u l-memoirs tal-avventura fuq il-muntanji ta' Marco Cremona. Fuq l-istand tal-Merlin. **— Stand ta' Merlin Publishers**

# *Is-Sibt*

### 9:45 BABÙ, IL-ĦUTA-BUFFU

Iltaqgħu ma' Babù, il-ħuta-buffu. Dan ħabib ta' Serafin, Kukku, Ġakki, Bertu u ovvjament ta' Lupu Lupettu. Lil dan ukoll żgur li se ssir tħobbu daqshom. Ejja agħmel ħbieb miegħu u skopri x'talent sabiħ għandu. Attività mmexxija minn Clare Azzopardi. Etajiet 5–8. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

### 10:00 ĦIN BIEX NGĦIDU STORJA U NPINĠU FLIMKIEN

Ejjew u ltaqgħu mal-awtriċi u l-illustratriċi ta' *We're the new Superheroes*. Sabrina Mulligan, l-awtriċi, se tingħaqad magħna biex tgħidilna storja u tiffirma l-kotba. Wara jkun hemm attivitajiet ta' tpinġija fejn it-tfal jitgħallmu kif ipinġu l-qoxra tal-ktieb *We're the new Superheroes* bl-aktar mod kreattiv u jaraw l-illustratriċi Emma Galea Naudi tiskeċċja l-karattri tal-ktieb Jake u Emily. Ideali għat-tfal ta' bejn il-5 u t-8 snin imma kulħadd hu mistieden. **— Stand tal-Faraxa Publishing**

---

### 10:00 AQRA MIEGĦI/READ WITH ME

Sessjoni ta' siegħa qari għall-gost bl-Ingliż, mill-programm 'Aqra Miegħi/Read with Me,' organizzata mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. Il-qari jkun jinkludi kant ta' taqbiliet u għanjiet f'ambjent ferrieħi għal tfal ta' taħt it-tliet snin u l-ġenituri/kustodji tagħhom.
**— Activity Area**

---

### 10:30 GĦAQDA TAL-MALTI TNIEDI *LEĦEN IL-MALTI*

L-Għaqda tal-Malti – Università ser tniedi s-36 edizzjoni ta' *Leħen il-Malti*, li jinkludi diversi kitbiet letterarji, lingwistiċi u storiċi. Xi wħud mill-kittieba se jkunu preżenti sabiex jaqraw xogħlijiethom. **— Sala Temi Zammit**

### 10:45 MINDFULNESS GĦAT-TFAL

Illum mhux faċli nkunu attenti bis-sħiħ u ngawdu l-mument mingħajr il-ħafna distrazzjonijiet madwarna. Din l-attività se tagħti xi ideat ta' x'nistgħu nagħmlu mat-tfal biex ngħinuhom ikunu konxji mis-sensi tagħhom. Nissuġġerixxu li jattendu l-ġenituri wkoll, għax taf tagħtihom ideat dwar kif imexxu l-attivitajiet mat-tfal. Attività mmexxija minn Claudine Slater. Etajiet 4–8. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

### 11:00 EJJA LTAQA' MA' CHARLES CASHA

Taħdita qasira mal-kittieb dwar il-kotba tiegħu; qari ta' siltiet u rakkonti kif ukoll sessjoni ta' mistoqsijiet mal-udjenza. **— Stand ta' Merlin Library**

---

### 11:00 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*Il funerale del Grande Coglione* ta' Pancrazia Buzzurro. **— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

---

### 11:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*I nemici del Cavaliere* ta' Davide Gambale. **— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

---

### 11:45 MAGNI TAŻ-ŻMIEN

Inti taf tużah il-kompjuter? U n-nannu tiegħek jaf? F'din l-istorja, in-nannu ma jafx juża l-kompjuter ... imma f'daqqa waħda jmur id-dawl ... u mnalla jkun għan-nannu li joħroġ b'ideat oħra ta' x'jistgħu jagħmlu bla dawl! Attività mmexxija minn Claudia Gauci. Etajiet 5–7. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

### 12:00 IL-KNK JIPPREŻENTA LIL ROS BARBER

In-novelista u poeta Ingliża Ros Barber, l-awtriċi tar-rumanz *The Marlowe Papers,* hija mistiedna speċjali ta' din l-edizzjoni tal-Festival. F'din l-attività se tkun qed titkellem ma' James Corby dwar iż-żewġ kotba tagħha, *The Marlowe Papers* u *Devotion*, u x-xogħol akkademiku tagħha. Se jkun hemm qari ta' siltiet tal-kotba tagħha u sessjoni ta' mistoqsijiet mill-udjenza. **— Sala Temi Zammit**

## 12:30 IL-KNK JIPPREŻENTA LIL AHMED SAIED ABDELMONEM, PUBBLIKATUR EĠIZZJAN

Il-pubblikatur Egizzjan Ahmed Saied Abdelmonem ser ikun qed jitkellem mal-pubbliku dwar l-esperjenza tiegħu bħala pubblikatur ta' materjal sovversiv fl-Eġittu ta' wara r-Rebbiegħa Għarbija. Ahmed Saied se jkun intervistat mill-kittieb Jean Paul Borg u ser ikun hemm sessjoni ta' mistoqsijiet mill-udjenza.
**— Activity Area**

---

## 15:00 U 16:00 SAN MARTIN FIT-TRADIZZJONI ĠERMANIŻA – OĦLOQ FANAL TAL-KARTA

Il-festa ta' San Martin hija popolari kemm Malta kif ukoll il-Ġermanja. Ibbażata fuq l-istess leġġenda diversi drawwiet żvilupaw sabiex jiċċelebraw lil dan il-qaddis patrun tal-fqar. F'din l-attività t it-tfal u l-ġenituri tagħhom jiġu mistiedna sabiex joħolqu fanal tal-karta u jitgħallmu aktar dwar id-drawwiet marbuta ma' San Martin speċjalment fil-Ġermanja. San Martin jigi ċċelebrat fil-11 ta' Novembru.
**— Activity Area**

---

## 16:00 IMELDINA U L-UĊUĦ

Nerġgħu niltaqgħu ma' Imeldina fit-tielet avventura tagħha. Din id-darba tirrakkontalna dwar ħolma kerha li qed ikollha sikwit. Iżda mal-mamà ssib soluzzjoni ... u tagħmel skoperta ġdida. Attività mmexxija minn Sandra Hili Vassallo. Etajiet 3–6. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

## 16:45 IS-SINJURA KLAWS

Ma nafx jekk tafx, imma l-Milied li għadda ma kienx Santa Klaws li ġablek ir-rigali. Kien ma jiflaħx. Allura min ġie floku? Attività mmexxija minn Clare Azzopardi. Etajiet 5–8. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati.
**— Stand ta' Merlin Publishers**

---

## 17:00 EJJA LTAQA' MAL-AWTURI

Ejja ltaqa' mal-awturi tal-pubblikatur Salvo Bonfirraro. **— Activity Area**

---

## 17:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

Pubblikazzjoni ta' Armando Siciliano Editore – *Racconti dalla tenda e altre riflessioni* ta' Muhammad Ghaddafi. **— Activity Area**

### 17:45 RUMANZINI – L-EWWEL PASS

Tliet kotba ġodda mis-sensiela Rumanzini. F'dan l-ewwel livell, tliet avventuri għaż-żgħar: Se jkollna robot? *Le grazzi, Kosmos Express 2: Il-Pjaneta Pprojbita* u *Lisa u l-Kejkovoru*. Attività mmexxija minn Loranne Vella. Etajiet 7–9 . Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

### 18:00 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*L'amore d'altri tempi profumava d'attesa* ta' Rosa Maria Alonge, ma' Patricia Salomone. **— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

---

### 18:15 TNEDIJA: *VALLETTA... MY CITY, MY STORY* U *IL-MISTERU TA' TAĦT IS-SIĠRA TAL-ĦARRUB*

Tnedija ta' żewġ kotba ppubblikati minn Heritage Malta Publishing.
**— Activity Area**

---

### 18:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*Cerere. Interpretazione dei sogni, culto dei morti, riti, magia, medicina, libertà sessuali nella Sicilia antica* ta' Liborio Centonze. **— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

---

### 18:45 INVESTIGAZZJONIJIET, IVVJAĠĠAR LURA FIŻ-ŻMIEN U DE MOLIZZI MQARQĊIN

Iltaqa' mal-awturi Clare Azzopardi, Roberta Bajada, John A. Bonello u Simone Spiteri. Etajiet 8–13. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

### 19:00 FARAXA JIPPREŻENTA RENO MUSCAT

Taħdita u diskussjoni minn Reno Muscat dwar il-pubblikazzjoni l-ġdida tiegħu *Ritratti ta' Tfulija* li hu ambjentat f'Ħal Qormi. **— Stand ta' Faraxa Publishing**

---

### 19:00 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*Fervori municipali. Feste a Malta e Messina in età moderna* ta' Elena Gagliuzzo.
**— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

### 19:30 TNEDIJA: *VALLETTA. A PERSONAL VISIT*

Tnedija ta' pubblikazzjoni ta' Midsea: *Valletta. A Personal Visit.* **— Sala M.A. Grima**

---

### 19:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*Di tonni e tonnare tra Sicilia e Malta* ta' Gaetano Malandrino, ma' Carlo Morrone.
**— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

---

### 20:00 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*Maledetti mercanti. Lisia 22. Contro i mercanti di grano* ta' Emilio Galvagno.
**— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

---

### 20:30 *DRITT GĦALL-PUNT* – FILM PREMIERE

Ir-rebbieħ tal-Konkors Letterarju ta' Films Qosra 2017 huwa Charles Stroud u l-kumpanija tiegħu Mitħolma b'film imsejjes fuq l-istorja *Dritt għall-Punt* minn ġabra ta' stejjer qosra ta' Joe Friggieri *Nismagħhom Jgħidu* (Kite Publications, 2016). L-attività hija miftuħa għall-pubbliku bla ħlas u toffri l-opportunità lil min jattendi sabiex jiltaqa' mad-direttur, il-kittieb tal-storja u oħrajn f'taħdita dwar l-adattament ta' xogħol letterarju. Din l-attività hija mtella' mill-KNK flimkien ma' Kite Publications. **— Sala Temi Zammit**

# Il-Ħadd

**9:00 JIEN MA NIBŻA' MINN XEJN! / KUKKUŻEJT**

Jien ma nibża' minn xejn! Mmm... tgħid veru? U inti tibża' minn xi ħaġa? Hemm annimal li jġorr liċ-ċkejken fil-but, ieħor iġorru f'ħalqu, u ieħor kukkużejt. Ejja ilgħab magħhom. Attivitajiet immexxija minn Rachel Portelli. Etajiet 3–6. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

**10:00 MMM... MOSTRI! IL-BABAW**

Maa... ara ġej il-babaw! Imma qisu ma tantx hu tal-biża'! Stejjer ideali għal tfal li għadhom inqas komdi jaqraw bil-Malti, kif ukoll reluctant readers. Attività mmexxija minn Clare Azzopardi. Etajiet 7+. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

**10:00 SAN MARTIN FIT-TRADIZZJONI ĠERMANIŻA – OĦLOQ FANAL TAL-KARTA**

Il-festa ta' San Martin hija popolari kemm Malta kif ukoll il-Ġermanja. Ibbażata fuq l-istess leġġenda diversi drawwiet żvilupaw sabiex jiċċelebraw lil dan il-qaddis patrun tal-fqar. F'din l-attività t-tfal u l-ġenituri tagħhom jiġu mistiedna sabiex joħolqu fanal tal-karta u jitgħallmu aktar dwar id-drawwiet marbuta ma' San Martin speċjalment fil-Ġermanja. San Martin jigi ċċelebrat fil-11 ta' Novembru. **— Activity Area**

---

**10:00 KANTUNIERA USBORNE – WORKSHOP PRATTIKU**

Attivitajiet tat-tfal bil-kotba tal-Usborne. Workshop prattiku. **— Stand ta' Merlin Library**

---

**10:00 EJJA LTAQA' MAL-AWTURI**

Claudia Cini bil-ktieb tagħha *Is-Sigriet ta' Lulù* li tant niżel tajjeb maż-żgħir u l-kbar bl-istorja li tħallik fuq ix-xwiek. Kirsten Spiteri, l-awtur tal-ktieb immirat lejn iż-żgħażagħ *The Wave* li rebaħ ħames unuri barra minn Malta, se jkun fuq l-istand biex jiltaqgħa mal-pubbliku u jiffirma l-kotba tal-pubblikazzjoni l-ġdida tiegħu *Far from Home*, li hu wkoll mmirat għaż-żgħażagħ. **— Stand ta' Faraxa**



**11:00 EJJA LTAQA’ MA’ CHARLES CASHA**
Taħdita qasira mal-kittieb dwar il-kotba tiegħu; qari ta’ siltiet u rakkonti kif ukoll sessjoni ta’ mistoqsijiet mill-udjenza. **— Stand ta’ Merlin Library**

---

**11:00 PREŻENTAZZJONI** ta’ ktieb
*L’amore nella notte dei falò e altre storie di mare e di costa ritrovate* ta’ Nicola Colombo. **— Activity Area**

---

**11:00 RUMANZINI – PASS TA’ ĠGANT**
Tliet kotba ġodda mis-sensiela Rumanzini. F’dan it-tielet livell, tliet misteri għall-investigaturi aspiranti: *L-investigazzjonijiet ta’ Arkimeda Lapsi 2: Misteru fil-kamp tal-Indjani, Monumenti Misterjużi: L-Enigma tal-Kavallier* u *It-Tfal tal-Labirint.* Attività mmexxija minn Loranne Vella. Etajiet 9–12. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta’ Merlin Publishers**

---

**11:30 PREŻENTAZZJONI TA’ KTIEB**
*Dalla Rivoluzione Partenopea a Porta Pia – Sulle orme degli esuli* ta’ Angela Picca, ma’ Carlo Morrone. **— Activity Area**

---

**12:00 FRA MUDEST 50 SENA**
Il-Fra l-aktar popolari mal-qarrejja Maltin għalaq 50 sena. Iżda għalkemm għaddew is-snin, il-praspar tiegħu ma naqsux. Ejja ltaqa’ mal-awtur li ħoloq dan il-karattru tant simpatiku u ferrieħi, u isimgħu jirrakkonta kif bdew l-istejjer ta’ Fra Mudest, u xi jfissru għalih. Attività mmexxija minn Charles Casha. Etajiet 8+. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta’ Merlin Publishers**

### 15:00 SAN MARTIN FIT-TRADIZZJONI ĠERMANIŻA – OĦLOQ FANAL TAL-KARTA

Il-festa ta' San Martin hija popolari kemm Malta kif ukoll il-Ġermanja. Ibbazata fuq l-istess leġġenda diversi drawwiet żvilupaw sabiex jiċċelebraw lil dan il-qaddis patrun tal-fqar. F'din l-attivita it-tfal u l-ġenituri tagħhom jiġu mistiedna sabiex joħolqu fanal tal-karta u jitgħallmu aktar dwar id-drawwiet marbuta ma' San Martin speċjalment fil-Ġermanja. San Martin jiġi ċċelebrat fil-11 ta' Novembru. **— Activity Area**

---

### 16:00 EJJA LTAQA' MA' JENNIFER SPAGNOL

Niltaqgħu ma' Jennifer Spagnol li se tkun qed titkellem dwar l-aħħar pubblikazzjonijiet għat-tfal tagħha – *L-Arloġġ tal-Passat*, *Pittura Maġika 2* u *Erba' Frottiet (Big Book)*. Se tkun qed tiffirma l-kotba fl-aħħar. **— Stand ta' Faraxa**

---

### 16:00 X'ĦIN HU?

Il-ġurnata mimlija daqs bajda. L-iskola għandna ħafna x'nagħmlu kull ħin. Ktieb li jgħin lit-tfal jidraw il-kunċett ta' ħin u li kull ħaġa ssir fil-ħin tagħha. Attività mmexxija minn Maria Francalanza u Marisa Khalifa. Etajiet 3–6. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

### 16:00 U 17:00 IĊ-ĊERIMONJA TAL-PROMOTURI TAL-QARI

Studenti tat-tmien sena tas-sekondarja jiġu ppremjati tal-impenn tagħhom biex jaqraw jew biex jissaħħu fil-qari jew biex iħeġġu l-qari fost sħabhom. Il-programm qiegħed isir bi sħab bejn l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u d-Dipartiment tal-Kurrikulu tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. **— Sala Temi Zammit**

---

### 16:45 FUSETTA U S-SIGRIETI MAĠIĊI

Iltaqgħu ma' Fusetta: xagħta gustuża, petita u fuq ruħha. Fusetta moħħha biss biex tagħmel il-maġija. Imbagħad tagħmel vjaġġ biex tfittex is-sigrieti maġiċi — immorru magħha? Tlaqna! Attività mmexxija minn Clare Azzopardi. Etajiet 5–8. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

---

### 17:00 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*Cagliostro, la doppia vita e l'intrigo maltese* by Frans Sammut u Henry Frendo, ma' Salvo Bonfirraro. **— Activity Area**

### 17:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*La lunga scia di zagare lontane* ta' Lidia Ferrigno. **— Activity Area**

### 17:45 L-AKKADEMJA GĦALL-PRINĊPIJIET PERFETTI

Il-Prinċep Valentino mhuwiex kuntent fl-iskola tal-prinċpijiet. Il-Prinċipessa Sofia wkoll għandha d-dwejjaq. Imma tgħid għaliex? Ejja Itaqa' magħhom u skopri x'inhu li jagħmilhom kuntenti. Attività mmexxija minn Noel Tanti. Etajiet 7–9. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

### 18:00 EJJA LTAQA' MAL-AWTURI

*Siamo in Viaggio* ta' Alessia Usai, ma' Joseph Grech and Anna Porcheddu. **— Activity Area**

### 18:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*I nemici del Cavaliere* ta' Davide Gambale. **— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

### 18:45 RUMANZINI – PASS PASS

Tliet kotba ġodda mis-sensiela Rumanzini. F'dan it-tieni livell, tliet kotba li jolqtu l-fantażija u l-ħolm tat-tfal: *It-tifel-dragun 2: Il-Ktieb il-Kbir tal-Lejl, L-Istilistini: L-ewwel sfilata ta' Kate* u *Sara Ballerina: L-ewwel passi fuq il-palk*. Attività mmexxija minn Loranne Vella. Etajiet 8–10. Ibbukkja post fuq info@merlinpublishers.com. Postijiet limitati. **— Stand ta' Merlin Publishers**

### 19:00 EJJA LTAQA' MAL-AWTUR

Iltaqa' mal-poeta Brunella Mallia flimkien ma' Corrado di Pietro. **— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

### 19:00 MIDSEA JIPPREŻENTA T-TNEDIJA TA' KTIEB ĠDID TA' WALID NABHAN

Tnedija ta' pubblikazzjoni ġdida tal-kittieb ċelebri Walid Nabhan (Midsea Books). **— Sala Temi Zammit**

### 19:30 PREŻENTAZZJONI TA' KTIEB

*Mal di mare. Traffici di vite umane e complicità occulte* ta' Michele Giardina. **— Stand tal-Istituto Italiano di Cultura**

# Wirja tal-Arti

Din is-sena s-Suite Perello se tospita wirja tal-arti b'pitturi li ġew magħżula bħala rebbieħa tal-Konkors Letterarju tal-Arti, li tnieda fit-18 ta' April ta' din is-sena mill-KNK. Artisti ġew mitluba jipproduċu arti bbażata fuq xogħol letterarju Malti. L-inizjattiva hija maħsuba biex tħeġġeġ lill-artisti jħarsu lejn il-letteratura Maltija bħala sors ta' ispirazzjoni bit-tama li din twassal għal aktar sforzi transdixxiplinarji fil-ġejjieni.

Wara proċess rigoruż ta' għażla, intgħażlu total ta' erba' xogħlijiet li ġew meqjusa li laħqu l-livell meħtieġ. Dawn il-pitturi se jkunu għall-bejgħ għat-tul tal-wirja, li se tkun miftuħa f'kull ħin mit-8 sal-11 ta' Novembru. Minbarra l-arti, il-wirja se turi wkoll numru ta' kotba li ngħataw premjijiet għall-aħjar disinn tal-ktieb fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb ta' dan l-aħħar snin. Dawn ser jinkludu eżempji ta' letteratura għall-adulti u kif ukoll letteratura tat-tfal.

# Esebituri

## AGIUS & AGIUS Ltd.

Il-librerija ta'Agius & Agius hi wahda mill-iktar negozji antiki tal-kotba li tinstab f'Malta. Il-librerija timporta u tbiegh mill-hanut li jinsab il-Ħamrun (Blata l-Bajda). Għand Agius & Agius issib kotba ta' diversi ġeneri għat-tfal u adulti, kotba tal-iskola, kotba għar-revizjoni, u kotba għall-għalliema.

878, St. Joseph High Street, Ħamrun
**T:** +356 2122 0347 | **E:** agiusbooks@gmail.com
**www.facebook.com/agiusbooks**

---

## BDL

Għal aktar minn 25 sena, BDL Distribution kien id-distributur ewlieni ta' pubblikazzjonijiet fil-ħwienet tal-kotba u ħwienet oħra f'Malta u Għawdex. BDL Publishing, it-tieni pilastru tal-kumpanija, jispeċjalizza f'kotba ta' kwalità li jvarjaw minn literatura fittizja għat-tfal għal kotba prestiġjużi tal-Melitensia. It-tielet pilastru tal-kumpanija huwa BDL Retail. Il-ħanut ġo San Ġwann jinkludi ġabra estensiva tal-aqwa kotba fejn wieħed jista' jfittex u jixtri direttament minn għażla ta' 'l fuq minn 20,000 titlu/pubblikazzjoni.

13, Giorgio Preca Street, San Ġwann - SĠN3511
**T:** +356 2138 0351 | **E:** info@bdlbooks.com | **Facebook:** BDL Books, Malta
**www.bdlbooks.com**

---

BOOKMARK
30 ST JOHN THE BAPTIST STREET
SLIEMA SLM 1450
bookmark@go.net.mt

## BOOKMARK

L-għan ta' Bookmark hu li jrawwem u jsostni interess u mħabba lejn il-qari minn età żgħira. Għand Bookmark wieħed isib għażla ta' kotba li jinkludu rebbieħa ta' premjijiet letterarji, kotba b'lingwi barranin, riżorsi għall-għalliema, inklużi kotba għall-età bikrija ħafna. Bookmark jemmen fl-importanza ta' edukazzjoni tul il-ħajja kollha u jemmen li l-qari huwa attività li toffri esperjenzi li jkattru t-tagħlim.

30, St John the Baptist Street, Sliema
**T:** +356 2133 2271 / +356 7925 1787
**E:** bookmark@go.net.mt / mrpsaila@go.net.mt

## BOOKENDS

Bookends huwa ħanut ġewwa l-Fgura li joffri kotba ġodda, bi prezzijiet ferm iktar baxxi mill-prezzijiet oriġinali tagħhom. Għandna ssib għażla kbira ta' kotba fuq suġġetti differenti. Fis-suq lokali, Bookends kiseb reputazzjoni qawwija kemm għall-kwalità tal-kotba kif ukoll għal prezzijiet irħas ħafna.

**T:** +356 2180 2272
**E:** bookendsf@millermalta.com
**Facebook:** www.facebook.com/Bookends-Bookstore-42724330775/

---

## ĊAK

Iċ-ĊAK (Ċentru Animazzjoni u Komunikazzjoni), fi ħdan il-Patrijiet Franġiskani Konventwali, twaqqaf fl-1998 bl-iskop li jwieġeb għall-ħtiġijiet tal-animazzjoni reliġjuża permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni soċjali. Beda jippubblika diversi fuljetti, rivisti u kotba ta' natura reliġjuża u fl-2005 inkorpora miegħu d-Dar Editriċi Reliġjon u Ħajja li kienet twaqqfet fl-1967 minn Patri Alessandru Bonnici. Id-Dar Editriċi kompliet bil-ħidma fil-qasam tal-kotba reliġjużi u f'dan l-aħħar żmien saret il-pubblikatur uffiċjali tad-dokumenti l-aktar importanti tal-Knisja u tal-Papiet; dan bi ftehim mal-Konferenza Episkopali Maltija u mal-Libreria Editrice Vaticana. Sa issa ċ-ĊAK ippubblika aktar minn 280 ktieb.

S. Sommier Street, Birkirkara BKR4611
**T:** +356 2149 8343
**www.cakmalta.org**

---

## DEER PUBLICATIONS

*Kif iċ-ċerv jilheġ għall-ilmijiet tax-xmajjar, hekk ruħi tilheġ għalik O Alla tiegħi* (Salm 42). Din id-dar ta' pubblikazzjoni tispeċjalizza f'kotba għat-tfal u għall-kbar b'temi reliġjużi u tradizzjonali. Il-pubblikazzjoni ewlenija tagħha hija ILWIEN IL-FESTI MALTIN, enċiklopedija fotografika tal-festi tradizzjonali Maltin. It-taqsima tat-tfal ta' DEER tiffoka fuq il-ħajja ta' qaddisin b'illustrazzjonijiet kkuluriti u vividi ta' Nicole Diacono. Andrew Borg hu l-awtur tal-parti l-kbira tal-kotba. Il-materjal fotografiku kollu użat huwa ta' Mark Micallef Perconte.

Cervus, 72A, Triq Doni, ir-Rabat, Malta
**T:** +356 9938 5496 / +356 7905 8691 | **E:** deerandrew@gmail.com
**Facebook:** Ilwien Il-Festi Maltin

## EDE BOOKS

Ede Books hija dar tal-pubblikazzjoni Maltija li toffri servizz komplut fejn tidħol produzzjoni ta' print runs żgħar jew medji, konsultazzjoni, editjar, disinn, stampar, distribuzzjoni u promozzjoni, kif ukoll toffri l-pubblikazzjonijiet Ede għall-bejgħ fis-suq internazzjonali mis-sit uffiċjali edebooks.eu. Ede jispeċjalizzaw fil-pubblikazzjoni ta' art books – kotba predominament viżivi, sinjuri fil-kontenut u li jiffukaw fuq arkitettura, fotografija, disinn u kultura urbana.

3a, Panorama Flats, Mattew Pulis Street, SLM 3051 Sliema, Malta
**T:** +356 2133 4224 / +356 7982 7522 | **E:** info@edebooks.eu
**http://edebooks.eu**

---

## FARAXA PUBLISHING

Faraxa, imnedija fl-2011, hija dar tal-pubblikazzjoni li tipproduċi pubblikazzjonijiet għalkollox professjonali fuq ġeneri ta' kitba mill-aktar varjati. It-tim ta' Faraxa, immexxi minn Joanne Micallef, jispira ruħu mill-kreattività ta' network globali ta' awturi magħżulin bir-reqqa, mill-passjoni tagħhom għall-kotba u d-determinazzjoni biex tintlaħaq kwalità għolja f'dan il-qasam.

38, Antonio Nani Street, Rabat RBT 3047
**T:** +356 9982 0157 | **E:** info@faraxapublishing.com
**Facebook:** Faraxa Publishing | **Twitter:** @jotammir
**Pinterest:** pinterest.com/faraxapub
**www.faraxapublishing.com**

---

## FONDAZZJONI WIRT ARTNA

Fondazzjoni Wirt Artna hija fondazzjoni mhux governattiva volontarja attiva fil-qasam tal-preservazzjoni tal-wirt kulturali u l-ħolqien ta' għarfien fuq il-wirt kulturali tal-Gżejjer Maltin. Għal din ir-raġuni, matul is-snin, Fondazzjoni Wirt Artna wettqet diversi proġetti ta' riabilitazzjoni, konservazzjoni u preservazzjoni ta' siti storiċi u kulturali varji.

Fil-preżent, FWA tieħu ħsieb u tmexxi numru ta' siti storiċi li jkopru medda ta' 700 sena, mill-Medjuevu sas-seklu għoxrin. Dawn ivarjaw minn Bieb Barokk mibni fi żmien il-Kavallieri, il-Bieb ta' Notre Dame, fortizza Vittorjana li hija armata bl-ikbar kanun tad-dinja sa strutturi ta' difiżi ta' żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.

FWA tiftaħ ħafna minn dawn is-siti għall-viżitazzjoni tal-pubbliku bil-għan li tipprovdi l-aqwa interpretazzjoni lill-viżitaturi biex b'hekk jiżdied l-għarfien u l-apprezzament tal-wirt kulturali ta' pajjiżna. Il-qligħ kollu li tiġġenera FWA imur għar-restawr u l-manutenzjoni ta' dawn is-siti storiċi.

Notre Dame Gate, St. Edward's Street, Vittoriosa, BRG 9038
**T:** +356 2180 0992 / +356 2180 3091
**E:** info@wirtartna.org
**http://www.wirtatna.org**

---

Liberté • Égalité • Fraternité
RÉPUBLIQUE FRANÇAISE
AMBASSADE DE FRANCE A MALTE

## FRENCH EMBASSY / LIBRAIRIE "LA BOUCHERIE" PARIS

Librairie "La Boucherie" huwa ħanut tal-kotba ġewwa Pariġi. Ilu miftuħ mill-1996 u jispeċjaliza f'diversi ġeneri ta' kotba. Din ser tkun il-ħamis sena konsekuttiva li fiha "La Boucherie" ipparteċipaw fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

French Embassy, 130 Melita Street, Valletta VLT 1123
**T:** +356 2248 0600
**http://www.ambafrance-mt.org/**

---

DEUTSCH-MALTESISCHER ZIRKEL • GERMAN-MALTESE CIRCLE

UNIVERSITY OF MALTA
Department of German

## GERMAN-MALTESE CIRCLE

Il-German-Maltese Circle - imwaqqaf sa mill-1962 - huwa impennjat li jressaq iż-żewġ pajjizi aktar qrib permezz ta' attivitajiet kulturali u edukattivi.

Id-Dipartiment tal-Germaniż fl-Università ta' Malta joffri korsijiet bħal B.A. fil-Germaniz, Ċertifikat/Diploma ta' Proficjenza fil-Lingwa għal studenti u impjegati tal-Università u kors ta' filgħaxija part-time - Diploma fil-Ġermaniż - li jirrifletti l-importanza tal-Ġermaniż fl-ekonomija Maltija u fuq il-post tax-xogħol.

141, Messina Palace, Valletta, Malta
**T:** +356 2124 6967
**https://www.germanmaltesecircle.org/**

---

għaqda tal-malti università • 1931

## GĦAQDA TAL-MALTI – UNIVERSITÀ

L-Għaqda tal-Malti – Università twaqqfet minn żewġ studenti tal-Mediċina, Rużar Briffa u Ġużè Bonnici, fis-26 ta' Jannar 1931. Fl-istess sena bdew joħorġu Leħen il-Malti, rivista li għadha toħroġ sal-lum. Matul is-snin

l-Għaqda tmexxiet minn xi personaġġi prominenti fil-Malti bħall-Professuri Pietru Pawl Saydon, Ġużè Aquilina, Dun Karm Sant u Oliver Friggieri. F'dawn l-aħħar snin l-Għaqda fittxet li tinvesti aktar fi proġetti edukattivi u interdixxiplinarji, speċjalment għaż-żgħażagħ.

Dar l-Istudent, L-Università ta' Malta, Tal-Qroqq
**T:** +356 7922 1197 | **E:** ghaqdatalmalti@gmail.com
**Facebook:** www.facebook.com/ghaqdamalti
**Twitter:** www.twitter.com/ghaqdamaltiuni
**Instagram:** www.instagram.com/ghaqdamalti
**www.ghaqdatalmalti.org**

---

Heritage Malta

## HERITAGE MALTA PUBLISHING

Heritage Malta hija l-aġenzija nazzjonali għall-mużewijiet, il-konservazzjoni u l-patrimonju kulturali. Hija attiva ferm fil-kamp tal-pubblikazzjoni bħala parti mill-isforzi tagħha b'risq id-demokratizzazzjoni tal-patrimonju. Il-firxa ta' xogħlijiet ippublikati tinkludi katalgi tal-wirjiet, ġabriet ta' studji, kotba għat-tfal, kotba marbuta ma' proġetti ta' konservazzjoni u riġenerazzjoni, u studji aktar iffukati. Fil-Ħarifa tal-2015, Hertitage Malta nediet ukoll perjodiku li joħroġ darbtejn fis-sena.

Ex-Royal Naval Hospital, Triq il-Marina, Bighi, Kalkara KKR 1524, MALTA
**E:** publications.heritagemalta@gov.mt
**www.heritagemalta.org**

---

HORIZONS

## HORIZONS

Horizons hi waħda mid-djar tal-kotba ewlenin f'Malta u matul is-snin rebħet għadd ta' Premji tal-Ktieb tal-Malti f'diversi kategorija tal-kotba. Tippublika numru ta' awturi stabbiliti bħal Mario Azzopardi, Charles Briffa, Lina Brockdorff, Victor Fenech, Charles Flores, Anton Grasso, Albert Marshall, Gorg Peresso, Giuseppe Schembri Bonaci u Vincent Vella, kif ukoll introduċiet numru ta' awturi żgħażagħ u promittenti bhal Eman Bonnici, Edgar Formosa, Jacqueline Mizzi, Sergio Grech, Tyrone Grima, Stephen Lughermo, Justin Schembri u Andre' Mangion.

Triq l-Iskultur, Qormi QRM 3580
**T:** +356 2144 1604 | **E:** info@horizons.com.mt
**Facebook:** Horizons Malta
**www.horizons.com.mt**

## ISTITUTO ITALIANO DI CULTURA

L-Istituto Italiano di Cultura, li hu anki s-sezzjoni kulturali tal-Ambaxxata tal-Italja f'Malta, twaqqaf fl-1971. L-Istitut huwa simbolu tal-kultura Taljana f'Malta. L-għanijiet prinċipali istituzzjonali huma t-tixrid tal-arti u l-kultura Taljana u t-tisħiħ tar-rabta bejn iż-żewġ popli. Dawn jitwettqu permezz tal-organizzazzjoni ta' attivitajiet kulturali, tal-kooperazzjoni fil-qasam edukattiv u tal-amministrazzjoni ta' librerija fejn il-membri jistgħu jissellfu l-kotba. L-Istitut jistabbilixxi ukoll kuntatti bejn l-Università u ċentri ta' riċerka u studju f'Malta ma' Universitajiet, organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet statali Taljani. L-attivitajiet, li jinkludu taħdidiet, films, wirjiet tal-arti, kunċerti, teatru eċċ, huma miftuħa għal dawk kollha interessati fil-ħajja u fil-kultura Taljana.

Vecchia Cancelleria, St. George's Square, Valletta VLT 1190
**T:** +356 21221462 | **E:** iiclavalletta@esteri.it
**Facebook:** www.facebook.com/Istitutoitalianodicultura.valletta/
**www.iicvalletta.esteri.it**

---

## KITE GROUP

Kite Group is a dynamic and creative company, specialising in high quality book publishing. Home to experienced professionals, Kite Group brings also together a unique skill-set to implement marketing and communications strategies and organise unique book launches and book signing sessions. Kite Group has become synonymous with high quality content of excellent presentation, which includes biographies, art and culture books, architecture, history, academic books, novels and children's books.

296, Naxxar Road, B'Kara
**T:** +356  9993 2592 | **E:** info@kitegroup.com.mt
**Facebook:** Kite Group
**www.kitegroup.com.mt**

---

## LIBRERIJI MALTIN

Libreriji Maltin hija l-entita' li tinkorpora l-Bibljoteka Nazzjonali, il-Librerija Pubblika Ċentrali tal-Furjana u dik t'Għawdex, u l-Libreriji Reġjonali u Fergħat. Il-missjoni ta' Libreriji Maltin hija li tiżgura l-kompilazzjoni u l-konservazzjoni tal-wirt dokumentarju ta' Malta għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, li żżomm u tiżviluppa l-libreriji regolati taħt l-Att dwar il-

Librerji Maltin u li tinkoraġġixxi l-qari għall-istudju, ir-riċerka, l-informazzjoni għall-iżvilupp personali u t-tagħlim tul il-ħajja kollha u għal finijiet ta' rikreazzjoni.

Malta Libraries Head Office, National Library of Malta,
36, Old Treasury Street, Valletta VLT 1410
**T:** +356 21243297 | **E:** customercare.nlm@gov.mt / customercare.cpl@gov.mt
**Facebook:**
www.facebook.com/www.maltalibraries.gov.mt/
www.facebook.com/National-Library-of-Malta-109081375784113/
www.facebook.com/Central-Public-Library-Malta-114091448601775/
**www.maltalbraries.gov.mt**

---

## MALTA CLASSICS ASSOCIATION AND SPS

Il-Malta Classics Association hija inizjattiva kollaborattiva kemm tal-ħaddiema akkademiċi kif ukoll tal-istudenti tad-Dipartiment ta' Studji Klassiċi u Arkeoloġija tal-Università ta' Malta. L-istorja klassika ta' Malta tmur lura għall-bidu tal-antikità u l-gżejjer għandhom tradizzjoni twila u rispettata ta' studji klassiċi. L-Assoċjazzjoni għandha l-għan li tippromwovi l-għarfien tal-Klassiċi fil-fergħat kollha tagħha għall-akbar udjenza possibbli, kemm akkademika kif ukoll ġenerali. Dan jinkludi studju tal-lingwi Latina, Griega u Sanskrit u tal-kultura Rumana, Griega u Indo-Ewropeja. L-inklużjoni tas-Sanskrit tirrikonoxxi r-rabtiet lingwistiċi u kulturali bejn il-Latin, il-Grieg u s-Sanskrit u l-persuni li kienu jitkellmuhom. Il-Malta Classics Association hija partikolarment ħerqana biex tippromwovi dawn l-ilsna fl-iskejjel Maltin, lill-pubbliku ġenerali u biex tibni rabtiet ma' universitajiet u Assoċjazzjonijiet oħra madwar id-dinja.

**E:** classicsmaltasoc@gmail.com
**Facebook:** www.facebook.com/MaltaClassicsAssociation/
**www.classicsmalta.org**

---

## MELI BOOKSHOP

Il-ħwienet tagħna ta' Meli Bookshop jinsabu t-tnejn fil-Belt Valletta. L-ewwel ħanut infetaħ fl-1965 u wara xi żmien infetaħ ieħor. Wieħed jinsab f'numru 52, Triq Santa Luċija, fejn hawnhekk nisspeċjalizzaw f'kotba Melitensia u rumanzi riċenti bil-Malti u bl-Ingliż. Insibu wkoll kotba għat- tfal, tat-tisjir kif ukoll kotba ġenerali fuq kull suġġett.

Il-ħanut l-ieħor jinsab fi Triq l-Ifran, numru 185. F'dan il-ħanut nispeċjalizzaw f'letteratura klassika bi prezzijiet speċjali, kif ukoll rumanzi bl-Ingliż, kotba ta' fantaxjenza, fantażija, tal-biża', delitti u ħafna aktar. Bħal fl-istabbiliment l-ieħor issib ukoll kotba tat-tisjir u kotba ġenerali oħra. L-iktar li nisspecializaw, f'dan il-ħanut, huma kotba fuq kull pajjiiz għal min iħobb is-safar. Għall-Festival Nazzjonali Tal-Ktieb ta' din is-sena ħa jkollna kampjuni ta' kotba bl-Ingliż dwar x'tistgħu ssibu fil- ħwienet tagħna.

52, Triq Santa Luċija, Valletta / 185, Triq l-Ifran, Valletta
**T:** +356 2123 7266 / +356 9980 3601
**E:** transit@onvol.net
**Facebook:** www.facebook.com/meli-book-shop-1502284266653728

---

IL-MELLIEĦA

## MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jgħin lill-awturi jippubblikaw xogħolhom permezz tal-inizjattiva Ħannieqa Kotba Melleħin bil-għan li jippromwovi l-qari man-nies tal-lokal.

Triq il-Madonna ta' Fatima, Il-Mellieħa
**T:** +356 2152 1333 | **E:** customercare.mellieha.lc@gov.mt
**www.mellieha.gov.mt/**

---

merlin library

## MERLIN LIBRARY

Il-Merlin Library, tal-Blata l-Bajda, huwa l-iktar isem assoċjat ma' kotba għat-tfal f'Malta. Ġo dan l-akbar ħanut tal-kotba ta' dan it-tip, insibu l-aqwa għażla ta' kotba għat-tfal, mill-"picture books" sal-kotba għall-adolexxenti, b'offerti regolari għall-klijenti, skonti speċjali għall-membri tal-Merlin Wizards Club, u organizzazzjoni ta' attivitajiet mingħajr ħlas, fosthom qari lit-tfal, crafts, u laqgħat ma' awturi kemm Maltin u kemm barranin. Filfatt fl-2003 il-Merlin kienet l-ewwel li qatt ġabet Malta awtriċi internazzjonali tat-tfal – Lynne Reid Banks – għal serje ta' żjarat fl-iskejjel. Wara dan, il-Merlin organizzat ukoll iż-żjarat f'Malta tal-awturi Annie Dalton, Rick Riordan, Jeremy Strong, Vivian French, u Lauren St John.

Mountbatten Street, Blata l-Bajda / Bisazza Street, Sliema
**T:** +356 2123 4438 | **E:** mail@merlinlibrary.com
**Facebook:** merlinlibrary
**www.merlinlibrary.com**

## MERLIN PUBLISHERS

Il-Merlin, mill-bidu tagħha fl-1964 sal-lum żviluppat fl-aktar dar ta' pubblikazzjoni Maltija innovattiva u avventuruża. Il-Merlin għandha lista estensiva ta' letteratura Maltija, u saret l-ewwel dar għall-parti l-kbira tal-awturi stabbiliti Maltin kif ukoll dejjem tilqa' u tagħti l-opportunità lil awturi emerġenti.

Il-Merlin Publishers rebħet il-Premju tal-Aqwa Dar ta' Pubblikazzjoni bosta drabi u dejjem kienet minn tal-ewwel bl-introduzzjoni u esperimentazzjoni ta' stili ġodda ta' produzzjoni, disinn u marketing.
Kotba Merlin ġew esibiti fil-Fieri tal-Ktieb ta' Frankfurt, Londra u Bologna.

42, Mountbatten Street, Blata l-Bajda HMR1574 MALTA
**T:** +356 2124 6472 | **E:** info@merlinpublishers.com
**Facebook:** https://www.facebook.com/merlinpublishers
**Twitter:** https://twitter.com/merlinkotba
**Instagram:** https://www.instagram.com/merlinkotba/
**www.merlinpublishers.com**

---

## MIDSEA BOOKS LTD | KLABB KOTBA MALTIN

Midsea Books Ltd huma meqjusa fost il-pubblikaturi ewlenin f'Malta. Id-dar tal-pubblikazzjoni twaqqfet minn Pawlu Mizzi. Minbarra Midsea Books, hemm ukoll il-Klabb Kotba Maltin, Klabb Kotba Maltin | tfal u Heritage Books li kollha jippubblikaw ġeneri differenti ta' kotba.

Matul dawn l-aħħar 45 sena, il-Midsea Books u l-kumpaniji l-oħra saru sinonimu ma' kotba ta' kwalità bil-Malti jew dwar Malta. Bosta mill-kotba ppubblikati huma rebbieħa ta' premjijiet jew ġew imsemmija fi premjijiet letterarji kemm Malta kif ukoll barra.

68 Carmelites  Street, Sta Venera / 6 Strait Street, Valletta
**T:** +356 2149 7046 / +356 2123 9039 | **E:** admin@midseabooks.com
**Facebook:** https://www.facebook.com/Klabb-Kotba-Maltin-135066206577251/
**www.midseabooks.com**

## MILLER DISTRIBUTORS LTD

Miller Distributors Ltd – Miller Distributors huwa l-importatur u distributur ewlieni ta' kotba ġewwa Malta u Għawdex. Nirrappreżentaw numru kbir ta' pubblikaturi barranin kif ukoll pubblikaturi lokali, f'kull qasam ta' pubblikazzjoni, minn kotba għat-tfal għal kotba tal-Università. Nipprovdu kotba għal ħwienet lokali ta' firxa wiesgħa u noffru servizz u appoġġ b'saħħtu lil dawn il-ħwienet.

**T:** +356 21 66 4488 | **E:** info@millermalta.com
**www.millermalta.com**

---

## PANDORA

Pandora huma distributuri u bejjiegħa ta' prodotti varji tat-tfal li jinkludu varjetà ta' kotba. Apparti li nbiegħu kotba mill-ħwienet, issibna involuti wkoll f'diversi attivitajiet kulturali li jiġu organizzati f'diversi lokalitajiet madwar Malta fejn l-għan tagħna jkun li ninkoraġġixxu l-qari billi nbiegħu il-kotba, specjalment għat-tfal. Aħna nikkunsidraw il-but ta' kulħadd u nippruvaw inżommu prezzijiet baxxi. Infatti, ħafna mill-kotba tagħna jiswew biss €3 jew inqas.

Roger Debattista str., Hamrun
**T:** +356 9966 7522 / +356 2735 6080 / +356 2749 1946
**E:** markcassar@gmail.com

---

## SKS PUBLISHERS

SKS Publishers twaqqfet fl-1982 bil-għan li teduka għall-bidla. Kienet x'kienet is-sura tal-kotba tagħha, matul is-snin dejjem rat kif tħajjar il-qlub tal-qarrejja tagħha biex iħaddnu ideat ġodda, kif teduka lil moħħhom fit-trawwim ta' attitudnijiet li jħarsu 'l quddiem, u kif tkabbar viżjonijiet li jħeġġu l-bidla fis-soċjetà.

SKS hija speċjalizzat f'għamliet ta' kitbiet li, għalkemm ftit, ifissru ħafna, bħal-letteratura, it-teorija politika, l-istorja tad-demokrazija liberali, ħwejjeġ kurrenti, biografiji, u l-kultura.

Ċentru Nazzjonali Laburista, Ħamrun
**T:** +356 2124 9900 | **E:** skspublishers@gmail.com

## THE BARGAINBOX

Għażla kbira ta' kotba għall-familja kollha.

146, Triq il-Kbira San Ġużepp, Hamrun
**T:** 2122 5206 | **E:** bargainboxbookshop@gmail.com
**Facebook:** www.facebook.com/bargainboxmalta/?ref=br_rs

---

## WAREHOUSE BOOKSALES

Stabbilit fis-snin sebgħin, Warehouse Booksales jinstab ġewwa l-Fgura fi Vjal Kottoner. Nispeċjalizzaw f'kotba antiki, komiks, u ħafna ġeneri oħrajn. Kotba ta' kull tip - fantażija, rumanzi, bijografiji, kotba tat-tfal, letteratura, tisjir, komiks u kotba antiki - issibhom għand WAREHOUSE BOOKSALES tal-Fgura.

155, Cottonera Avenue, Il-Fgura, Malta
**T:** +356 7969 1235
**Facebook:** www.facebook.com/Warehouse-Booksales-422316977855827/



IL-FESTIVAL NAZZJONALI

tal-ktieb

2017

**ĦINIJIET TAL-FTUĦ**

**L-ERBGĦA 09:00 – 13:00 u 17:30 – 21:30**

**IL-ĦAMIS 09:00 – 13:00 u 17:30 – 21:30**

**IL-GIMGĦA 09:00 – 13:00 u 17:30 – 22:00**

**IS-SIBT 09:30 – 22:30**

**IL-ĦADD 08:30 – 21:30**

**WWW.KTIEB.ORG.MT**

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Malta Book Festival 2017

Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol